**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 12 ta' Ottubru, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 2/2019 AF**

**Mario Dingli**

**Carmelo Dingli**

**u**

**Joseph Dingli**

**vs**

**Anthony Farrugia**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' l-atturi Mario Dingli, Carmelo Dingli u Joseph Dingli, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrenti huma l-proprjetarji tal-ghalqa, bhala successuri fit-titolu taz-ziju taghhom Nazzareno *sive* Reno Dingli, denominata 'Ta' Torna', fil-kontrada tal-Fawwara limiti tas-Siggiewi, tal-kejl ta' circa nofs mott, konfinanti minn Nofsinhar mal-irdum, mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern (tenement numru sitt mija u wiehed u tmenin – 681), u mill-Majjistral ma' triq ta' forma zig u zajk li taghti ghal 'Gebel Ciantar', hekk kif jirrizulta mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. John Micallef Trigona datat tletin (30) ta' Awwissu 1966 (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. A).

L-intimat abbuzivament u illegalment qieghed jokkupa l-ghalqa kollha in kwistjoni minghajr titolu validu fil-ligi. In oltre, l-intimat wettaq xi xogholijiet fl-imsemmija ghalqa minghajr ebda permess mir-rikorrenti u b'mod illegali u cioè nehha l-hitan tas-sejjieh u l-hamrija u pogga imnasab, kancell u *concrete*. Ghalhekk l-intimat qieghed jippretendi u jagixxi daqs li kieku huwa s-sid tal-ghalqa in kwistjoni, kif jirrizulta wkoll mill-ittra ufficjali hawn annessa bhala Dok. C, meta dan mhuwiex il-kaz.

L-intimat issottometta wkoll applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar bin-numru PA3517/16 li permezz taghha inhareg permess fuq sit li jinkludi l-imsemmija ghalqa, proprjetà tar-rikorrenti, u kwindi tali permess inhareg a bazi ta' informazzjoni skorretta mill-intimat lill-imsemmija Awtorità sabiex iwettaq zvilupp fuq l-ghalqa in kwistjoni li mhix proprjetà tal-intimat izda tar-rikorrenti.

Di più, l-intimat iddikjara mad-Direttorat tal-Agrikoltura li hu jahdem l-imsemmija ghalqa, proprjetà tar-rikorrenti, meta l-intimat jaf sew li dan mhuwiex minnu.

L-intimat gie interpellat diversi drabi, kemm verbalment u anke permezz ta' ittra ufficcjali datata hamsa (5) ta' Gunju, tas-sena

elfejn u tmintax (2018) (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. B), sabiex jiddesisti milli jkompli jagixxi b'dan il-mod illegali u abbuziv u cioè sabiex jivvaka mill-ghalqa in kwistjoni u sabiex jirriprestina s-sitwazzjoni ghal dik prevalenti qabel ma saru x-xogholijiet, però dan baqa' inadempjenti.

Ghalhekk qed ssir din il-kawza abbazi tal-*actio rei vendicatoria* sabiex jigi determinat u deciz li x-xogholijiet imwettqa mill-intimat huma maghmula fuq art proprjetà tar-rikorrenti u li huwa qieghed jokkupa l-art kollha appartenenti lill-istess rikorrenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-ghalqa hawn fuq imsemmija, ossia parti mill-art denominata 'Ta' Torna', fil-kontrada tal-Fawwara limiti tas-Siggiewi, tal-kejl ta' circa nofs mott, konfinanti minn Nofsinhar mal-irdum, mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern (tenement numru sitt mija u wiehed u tmenin – 681), u mill-Majjistral ma' triq ta' forma zig u zajk li taghti ghal 'Gebel Ciantar', hi proprjeta' esklussiva tar-rikorrenti.

2. Tiddikjara li l-intimat qieghed jokkupa u li ghamel xogholijiet f'din l-istess ghalqa, u cioè nehha l-hitan tas-sejjieh u l-hamrija u pogga imnasab, kancell u *concrete*, illegalment, abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

3. Konsegwentement, tordna lill-intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissalu dina l-Onorabbli Qorti, jirripristina kollox ghas-sitwazzjoni li kienet prevalenti qabel ma saru x-xogholijiet imsemmija, u tordna lill-intimat sabiex jiddesisti milli jkompli jokkupa l-art bi kwalunkwe mod u li jirrilaxxa l-imsemmija ghalqa okkupata minnu illegalment favur ir-rikorrenti.

4. Fil-kaz li l-intimat jibqa' inadempjenti, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jaghmlu huma x-xogholijiet necessarji msemmija fit-tieni talba a spejjez tal-intimat, anke jekk

hemm bzonn taht is-sorveljanza ta’ Perit imqabbad ghal dan il-ghan minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta l-ittra ufficjali tal-5 ta’ Gunju 2018, kontra l-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-konvenut Anthony Farrugia li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Qabel xejn, l-atturi jirdu jippruvaw l-interess guridiku taghhom f’din il-kawza, u t-titolu originali taghhom fuq il-proprjetà li qed jittentaw jirrivendikaw b’din il-kawza.

Minghajr pregudizzju, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Minghajr pregudizzju wkoll, kwantu ghat-tieni u t-tielet talbiet attrici, l-istess talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-eccipjent ma ghamel ebda xogholijiet minn dawk li l-atturi semmew fl-istess talbiet, u dan kif ser jigi ppruvat ahjar fil-kors ta’ din il-kawza.

F’kull kaz u minghajr pregudizzju, l-ghalqa mertu ta’ din il-kawza giet fil-pussess tal-eccipjenti b’mod legittimu, u fl-istat li tinsab fiha llum, u ghalhekk l-istess talbiet huma legalment u fattwalment bla bazi.

F’kull kaz ukoll, l-eccipjenti m’ghandux ibati spejjez in konnessjoni ma’ din il-procedura, billi huwa ma naqas bl-ebda mod fil-konfront tal-atturi kif ser jirrizulta ahjar fil-kors tas-smiegh ta’ din il-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni l-atturi qegħdin ifittxu li jiksbu dikjarazzjoni li l-għalqa denominata 'Ta' Torna', fil-kontrada tal-Fawwara, limiti tas-Siġġiewi hija proprjetà tagħhom. Talbu għalhekk lill-Qorti tiddikjara li l-konvenut qiegħed jokkupa din l-għalqa b'mod abbużiv u llegali u li konsegwentement jiġi ordnat jiżgombra minnha u li jirripristina l-għalqa għall-istat li kienet fih qabel ma allegatament wettaq fiha diversi modifiki fosthom billi neħħa xi ħitan tas-sejjiegħ u ħamrija, poġġa kanċell tal-ħadid, witta parti mir-raba' billi pogga l-*concrete* u poġġa wkoll mansab.

Il-konvenut laqa' billi eċċepixxa li l-atturi għandhom jagħmlu l-prova tat-titolu tagħhom fuq l-art *de quo*. Fit-tieni lok ikkontesta t-talbiet attriċi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt. Jisħaq illi huwa għandu pussess leġittimu tal-art *de quo*.

## L-Azzjoni

Fir-rikors promotur tagħhom l-atturi għamluha ċara illi l-azzjoni kif proposta hija dik magħrufa bħala l-*actio rei vidicatoria* permezz ta' liema l-atturi qegħdin jirrivendikaw il-proprjeta' tagħhom fuq l-art.

Il-principji stabbiliti mill-ġurisprudenza f'talba ta' rivendika gew reċentement rassenjati fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Napier vs Bianchi deċiża fl-1 ta' Diċembru 2021 fejn dik il-Qorti, b'referenza għas-sentenza preċedenti tagħha fl-ismijiet Kiomall vs Borg tat-12 ta' Jannar 2015 irribadiet illi:

> *"14. L-actio rei vindicatoria hija azzjoni li teżisti taħt il-liġi Maltija li permezz tagħha l-attur jipprova jirrivendika minn għand il-konvenut proprjetà li hu jemmen li għandu titolu validu fuqha u dan permezz ta' provi li juru b'mod pożittiv li l-proprjetà in kwistjoni hija tiegħu.*
>
> *15. F'kawża rivendikatorja, l-konvenut prinċipalment jista' jressaq żewġ difiżi: jsostni u jġib provi fis-sens illi hu għandu*

*l-pussess tal-proprjetà in kwistjoni jew inkella illi għandu titolu validu skont il-liġi fuq din il-proprjetà.*

*16. Tradizzjonalment f'azzjoni rivendikatorja l-attur irid jipprova d-dominju, ossija l-proprjetà fih, tal-ħaġa li jrid jirrivendika u ma hux biżżejjed li jipprova li l-ħaġa mhix tal-konvenut, imma jeħtieġ li juri pożittivament li hi tiegħu nnifsu. Il-prova ġiet ritenuta li trid tkun kompleta u konkluživa, b'mod li kwalunkwe dubju, anki l-iċken, għandu jmur favur il-possessur konvenut u anki jekk il-Qorti ma tkunx sodisfatta mid-dritt tal-konvenut, hi għandha tilliberah jekk ir-rivendikant ma jagħtix prova tad-dominju tiegħu li tkun eżenti mill-anqas dubju*[1]*.*

*17. Madankollu, fis-snin riċenti, ġie aċċettat mill-Qrati tagħna illi meta l-konvenut jeċċepixxi li huwa l-proprjetarju u jipproduċi provi f'dan is-sens huwa biżżejjed li rrivendikant jipprova li għandu titolu aħjar minn dik tal-konvenut sabiex jirbaħ il-kawża. Fi kliem ieħor, f'każijiet bħal dawn m'hemmx għalfejn l-attur jipprova titolu oriġinali imma huwa biżżejjed li jipprova titolu derivattiv. F'tali każ isir eżami komparattiv tat-titoli rispettivi tal-partijiet sabiex jiġi stabbilit min għandu l-aħjar titolu fuq il-ħaġa in disputa. Il-prinċipju li min għandu titolu aħjar jirbaħ il-kawża, mingħajr ħtieġa li l-attur jipprova titolu assolut, huwa llum assodat fid-duttrina u fil-ġurisprudenza tagħna. Din l-estensjoni tal-portata tal-actio rei vendicatoria ġiet inferita mill-Qrati tagħna, tajjeb jew ħażin, mill-actio publiciana tad-Dritt Ruman*[2]*."*

Kompliet billi rreferiet għas-sentenza England vs Muscat (29 ta' Ottubru 2018) fejn intqal illi:

---

[1] Ara App. Civ. Giuseppe Buhagiar v Guzeppi Borg et., 17/11/1958, Vol. XLII.i p. 569 u ssentenzi hemm citati; Ara wkoll App. Civ. Clive Simpson noe v Dr. Gaudenz Borg, 6/7/1993; App. Civ. Grazio Vella v John Buhagiar, 26/5/1998.

[2] Ara inter alia App. Civ. Sebastian sive Bastjan Vella et v Charles Curmi, 28/2/2014; App. Civ. John Vella et v Sherlock Camilleri, 12/12/2002 u s-sentenzi hemm citati; App. Civ. Grezzju Spiteri v Catherine Baldacchino, 9/2/2001; ara wkoll P.A. Mary Rose Aquilina et v Antonio Piscopa,24/20/2003; Kummissarju tal-Artijiet v Frans Mallia, 20/1/2005; Onor. Perit Carmelo Vella et v Anthony Cassar pro et noe, 17/3/2005.

*"…strettament ma hemmx lok għall-azzjoni publiciana, lanqas favur min ikun kiseb immobbli mingħajr att pubbliku. Dak l-isem iżda ngħata lill-azzjoni fejn l-attur juri titolu u kemm l-attur u kemm il-konvenut jippretendu titolu fuq il-ħaġa mingħand l-istess awtur, u f'dik is-sitwazzjoni jirbaħ min ikollu l-aħjar titolu fis-sens ta' prijorità. F'ċirkostanzi oħra – i.e. meta l-attur u l-konvenut ma jkunux jippretendu titolu mingħand l-istess awtur – ma jkunx biżżejjed għall-attur li juri "pussess anterjuri" jekk dak il-pussess ma jkunx ikkonsolida bl-użukapjoni, appuntu għax il-publiciana ma hijiex rei vindicatoria "lite". (enfasi ta' din il-qorti).*

Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża Direttur tal-Artijiet vs Polidano Brothers Limited ġie enfasizzat illi:

*"Issa huwa veru li l-attur irid jipprova t-titolu tieghu, titolu li suppost ghandu jwassal ghall-wiehed originali, izda fid-dawl tad-diffikultà, jekk mhux impossibilità (tant li tissejjah diabolica probatio) ta' din il-prova, il-gurisprudenza u l-awturi immitigaw din il-prova li tispetta lill-attur, u l-prova rikjesta ma baqghetx mehtiega li tkun daqshekk rigida, izda ghandha tkun imqabbla ma' dik tal-konvenut possessur. Hekk, per ezempju, il-Qorti ta' Cassazione fl-Italia, f'sentenza moghtija fil-5 ta' Mejju, 1962 (n.892) osservat li jekk jirrizulta li t-titolu tal-konvenut mhux wiehed ta' min jorbot fuqu, l-attur jista' jipprova biss "il proprio diritto per conseguire il rilascio". Il-principju li min ghandu titolu ahjar jirbah il-kawza, minghajr htiega li dak li jkun jipprova titolu asolut, illum jinsab assodat fid-duttrina. Già fis-seklu dsatax l-awtur Francis E. Levy fil-ktieb "Preuve par title du Droite de Propriete Immobiliere" kien wasal ghall-konkluzjoni li l-proprjetà huwa, wara kollox, dritt relattiv, u l-gudizzju ghandu jkun bazat fuq min, f'kawza bejn il-partijiet, ikun ressaq l-ahjar prova. Awturi ohra jiddiskrivu l-azjoni rei vindicatoria bhala "una controversia tra privati" (Tabet e Ottolenghi, "La Proprieta"). Il-Pacifici Mazzoni ("Istituzioni di Diritto Civile Italiano", Vol. III, Parte I, p.465) jghid ukoll illi "sembra quindi che per equità non possa pretendersi dall'attore, se non la prova di un diritto migliore o più fondato di quello del reo convenuto".*

*Illi din it-teorija tal-prova migliore ghandha l-bazi taghha fid-Dritt Ruman, u kienet tissejjah l-actio Publiciana. Li din l-azzjoni ghadha tezisti fid-dritt Malti jirrizulta mill-gurisprudenza, fosthom "Attard vs Fenech", deciza fit-28 ta' April, 1875 (Kollexz. Vol. XII.390) fejn intqal li: "Con l'azione rivendicatoria l'attore deve provare di averne il dominio della cosa che vuole rivendicare e di averla legittimamente acquistata; con l'azione publiciana deve provare di averne avuto il possesso e di possederla il convenuto con un diritto minore e più debole del suo". Hekk ukoll din il-pozizzjoni giet ribadita fil-kawza "Fenech et vs Debono et", deciza minn din l-Onorabbli Qorti fl-14 ta' Mejju, 1935 (Kollez. Vol.XXXIX.II.488) fejn gie konfermat, fuq l-iskorta tad-Dritt Ruman, il-kumul ta' dawn iz-zewg azzjonijiet fl-Ordinament Guridiku Malti. Kwindi, l-attur mhux tenut jipprova titolu originali, izda bizzejjed jipprova titolu ahjar minn dak tal-konvenut. (ara wkoll "Vella vs Camilleri", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Dicembru, 2002)."*

Mill-provi li ġew esebiti in atti jirriżulta illi Nazzareno Dingli ossia z-ziju tal-atturi akkwista l-għalqa de quo bis-saħħa ta' kuntratt ta' bejgħ tat-30 t'Awwissu 1966 fl-atti tan-Nutar Dottor John Micallef Trigona. Bis-saħħa ta' testment tas-17 ta' April 1972 fl-atti tal-imsemmi Nutar, Nazzareno Dingli, waqt illi rrevoka t-testmenti preċedenti tiegħu, nnomina lill-atturi lkoll aħwa Dingli u lil Maria Concetta sive Connie Ebejer nee Caruana bħala eredi universali tiegħu waqt illi ħalla wkoll xi legati favur martu Emma Dingli. B'kuntratt tad-9 ta' Jannar 1980 fl-atti tan-Nutar George Bonello Dupuis, Maria Concetta sive Connie Ebejer neé Caruana trasferiet is-sehem tagħha ta' kwart indiviż mill-art *de quo* favur l-atturi aħwa Dingli. B'hekk jirriżulta illi l-atturi huma l-uniċi proprjetarji tal-art mertu ta' din il-kawża, fatt dan illi jinsab pjenamanet rikonoxxut mill-konvenut li kkonċeda dan fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

Fid-dawl tal-provi mressqa quddiemha, inkluż ukoll fid-dawl tar-rikonoxximent da parti tal-konvenut tat-titolu tal-atturi, il-Qorti hija pjenament sodisfatta mit-titolu tal-atturi fuq l-art *de quo* liema titolu huwa wieħed reġistrat kif jirriżulta miċ-ċertifikazzjoni relattiva li kopja tagħha tinsab esebita fl-atti.

Waqt illi jirriżulta t-titolu tal-atturi fuq l-art, mhux l-istess jista' jingħad fil-konfront tal-konvenut. Mill-atti jirriżulta li l-konvenut għandu biss il-pussess tal-art. Fix-xhieda tiegħu il-konvenut spjega li ilu jiffrekwenta l-art de quo għal aktar minn ħamsin sena. Jgħid illi l-art *de quo* kienet fil-pussess tal-ex-Kummissarju Alfred Calleja li flimkien ma Ċensu Farrugia u cioè missier il-konvenut, kienu jużaw l-art għal skopijiet ta' kaċċa u nsib. Il-konvenut dejjem sema' lil Calleja jgħid illi l-art kienet ser titħalla lilu fil-wirt u għalhekk baqa' fl-impressjoni li l-art kienet għaddiet għandu. Philip Calleja, iben Alfred Calleja xehed illi l-art qatt m'gaddiet b'wirt għand missieru u li għalhekk missieru kellu biss il-pussess tal-art. L-attur Carmelo Dingli kkonferma li l-aħwa Dingli kienu jafu li l-art kienet fil-pussess ta' Calleja u rrikonoxxewh fil-pussess b'mod verbali bil-kondizzjoni li jitolbu lura l-art meta jridu. Żied jgħid illi l-konvenut qatt ma ġie rikonoxxut minnhom.

Ferm il-premess, il-Qorti tqis bħala pjenament sodisfatti l-elementi tal-azzjoni ntenata mill-atturi. Konsegwentment il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel żewġ talbiet attriċi u waqt illi tiddikjara illi l-għalqa *de quo* hija proprjetà tal-atturi, tiddikjara wkoll illi l-okkupazzjoni da parti tal-konvenut hija llegali, abbużiva u mingħajr titolu u li għalhekk huwa għandu jiżgombra minnha.

L-atturi talbu wkoll lill-Qorti tordna lill-konvenut jirripristina l-art fl-istat li kienet fih qabel ma hu, b'mod arbitrarju u abbużiv wettaq fuq l-art diversi xogħolijiet. Imiss għalhekk illi l-Qorti tgħaddi sabiex tikkunsidra jekk l-alterazzjonijiet li l-atturi jilmentaw minnhom twettqux mill-konvenut fil-kors tal-pussess li hu kellu fuq l-art. F'dan ir-rigward il-prova reġina hija x-xhieda tal-istess konvenut li għalkemm inizjalment xehed illi "*L-għalqa dak iż-żmien 50 sena ilu kienet kif inhi llum. Hemmhekk qatt ma sar xogħol fiha*", aktar tard fix-xhieda tiegħu stqarr b'mod skjett illi:

> "*Qed niġi muri r-ritratt esebit in atti illum. Dan juri l-kanċell li għamilt jiena. Sar xi 8 snin ilu. Qabel kien hemm xatba. Ix-xatba kienet qisa 10 piedi wisa'. Fil-bidu nett kienet iżgħar. Kelli nwessa l-bieb biex ngħaddi bl-inġenji biex ninżel għall-għalqa li għandi bi qbiela ... Qed nagħraf ir-*

*ritratt l-ieħor preżentat illum 'Keep Out Private'. Dak għamiltu jiena wkoll. Il-passaġġ fit-tielet ritratt huwa l-passaġġ fejn ngħaddi bil-mutur tal-ħart. Il-concrete għamiltu jiena fejn ix-xatba biex inkun nista' ninżel sew. ... Ir-ritratt numru 4 juri l-mansab. Dejjem hekk kien. Anki minn qabel 50 sena ilu għax dejjem kien jonsbu xi ħadd ieħor. Art kien hemm imma dejjem zdingata. Ħamrija kien hemm imma dejjem zdingata*." (a fol. 24)

Din l-ammissjoni tikkonferma li l-konvenut wessa' x-xatba, waħħal kanċell tal-ħadid, *no entry sign* kif ukoll poġġa xi concrete biex jgħaddi aħjar bl-inġenji tar-raba'.

L-atturi jagħtu wkoll affidament għar-relazzjoni redatta mill-Inġinier Raymond Attard bħala espert indipendenti mis-Sezzjoni tal-*Land Surveying and Mapping* fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar li minn eżami komparattiv bejn *aerial photos* tas-sena 1978, 2004 u 2016 ikkonstata li kienu saru xi tibdiliet matul iż-żmien senjatament billi l-passaġġ twessa u ġie estiż sal-kamra li tinsab fuq l-art *de quo* kif ukoll inħoloq passaġġ ġdid. In oltre, irriżulta wkoll li kienu tneħħew xi ħitan tas-sejjiegħ u tneħħiet ukoll xi ħamrija.

Kwantu jirrigwarda l-mansab, il-konvenut xehed illi dan kien sar ghexieren ta' snin qabel minn min kien fil-pussess tal-art qablu.

Għal dak illi jolqot il-modifiki senjatament l-alterazzjoni fil-ħitan tas-sejjiegħ, it-twessiegħ tal-passaġġ, it-tqegħid tal-kanċell u t-tqegħid tal-*concrete*, il-Qorti hija sodisfatta li tali xogħolijiet saru mill-konvenut b'mod abbużiv. *Del resto*, huwa l-konvenut stess li jikkonferma li kien hu li għamel tali xogħolijiet fuq l-art. Madanakollu, in kwantu l-kwistjoni tal-mansab, il-Qorti mhijiex konvinta li dan sar mill-konvenut anki għaliex mill-atti rriżulta li Alfred Calleja kien ilu snin juża l-art għall-kaċċa. Il-Qorti tqis illi tenut kont tan-nuqqas ta' provi dwar meta sar il-mansab u tenut kont fuq kollox tal-mod kif xehed il-konvenut u tal-ammissjoni tiegħu dwar il-bqija tax-xogħolijiet li saru minnu, il-Qorti hija tal-fehma li kieku l-mansab sar minnu, il-konvenut kien jirrikonoxxi dan kif għamel fil-konfront tal-bqija tax-xogħolijiet li ssemmew aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Tqis għalhekk illi fin-nuqqas ta' provi, l-Qorti ma tistax tikkonferma li l-mansab sar mill-

konvenut u għalhekk lanqas ma tista tikkundannah ineħħi dan minn fuq l-art de quo.

Finalment, tibqa' biex tiġi trattata l-kwistjoni tad-dritt ta' passaġġ li l-konvenut jgħid illi jgawdi minn fuq l-art *de quo*. F'dan ir-rigward il-konvenut stess ikkonferma li "*Jiena m'għandix kuntratti li jgħidu li jiena għandi dritt ngħaddi minn fuq din l-art*." (a fol. 150). In oltre, mill-kuntratt li ġie esebit mill-atturi ma jirriżultax li l-art hija soġġetta għal servitù ta' passaġġ. Il-Qorti tieħu l-okkażjoni tfakkar illi servitù ta' din ix-xorta trid tabilħaqq tinħoloq bis-saħħa t'att pubbliku[3].

Magħmulha dawn il-kunsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt, il-Qorti tqis it-talbiet bħala mistħoqqa hlief ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-tnehhija tal-mansab.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-art denominata 'Ta' Torna', fil-kontrada tal-Fawwara limiti tas-Siġġiewi hija proprjetà tal-atturi.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-konvenut qiegħed jokkupa l-art illegalment. Tkompli tipprovdi dwar it-tieni talba billi tiddikjara li l-konvenut għamel xogħolijiet fuq l-art u cioè neħħa l-ħitan tas-sejjiegħ u l-ħamrija, poġġa kanċell u *concrete* b'mod abbużiv u llegali u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi. Tiċħad dik il-parti tat-tieni talba li titkellem dwar it-tqegħid ta' mansab mill-konvenut.

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenut sabiex fi żmien xahar minn meta din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, jiżgombra mill-proprjetà u jirripristina l-art għall-istat li kienet fih qabel wettaq id-diversi xogħolijiet li ssemmew aktar 'il fuq f'din is-sentenza, dan taht is-sorveljanza tal-Perit Valerio Schembri li qieghed jigi mahtur ghal dan l-iskop.

---

[3] Ara **Adrian Psaila et vs Raymond Buttigieg**, PA, 9 ta' Frar 2022

4. Tilqa’ wkoll ir-raba’ talba u tawtorizza lill-atturi sabiex f’każ t’inademjenza da parti tal-konvenut, iwettqu huma a spejjez tal-konvenut, dawk ix-xogħolijiet meħtieġa sabiex jiġi ripristinat l-istat tal-art, dejjem taht is-sorveljanza tal-imsemmi Perit.

L-ispejjez jithallsu minn Anthony Farrugia.

IMHALLEF

DEP/REG